IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 25

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) it-Tlieta 22 ta' Settembru 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**25.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 23 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

## 25.3 Korrispondenza

25.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Kuntistabbli Andria Tanti, mill-Għassa ta' Bormla, bil-kwotazzjoni tal-ispiża tal-kameras tal-Mandraġġ li sfaw imkissra b'att vandalu.

25.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Leander John Schembri mill-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fejn qed joffru lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jieħu gruppi ta' nies iżuru l-Kon-Katidral mingħajr ebda ħlas. Il-Kunsill Lokali wera interess għal din l-inizjattiva.

25.3.3 Preżentati ritratti mibgħuta mis-Sur Aaron Ancilleri dwar il-parkeġġ bla kontroll li qed ikun hemm fi Triq l-10 ta' Awwissu minkejja li l-Kunsill għamel il-kaxxi tal-parkeġġ.

25.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Prim Ministru ta' Malta Dr.Robert Abela dwar iċ-ċelebrazzjonijiet tat-8 ta' Settembru, li inġustament qed isiru l-Belt Valletta flok il-Belt Vittoriosa fejn filfatt hemm il-monument tal-Vitorja li twaqqaf mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Għal din l-ittra ntalbet l-għajnuna tas-Sur George Agius sabiex jagħti wkol xi tagħrif storiku.

25.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Clint Axisa minn Transport Malta rigward il-karozza tal-linja numru 2 li suppost tidħol fil-Pjazza tal-Birgu li iżda għal xi raġuni s-servizz ma kienx qed ikun kontinwu. Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li għamel kuntatt mas-Sur Lawrence Giordano u qal li fl-immedjat intbagħtet Memo sabiex is-servizz jingħata kif suppost mill-Pjazza tal-Birgu.

25.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Arthur Douglas Turner b'risposta ta' ringrazzjament għall-email li ntbagħtet lil Laurence Manicaro, accountant tal-kumpanija Parker Randall Turner. Fl-email mibgħuta lill-accountant ġie indikat ix-xogħol li fadal li jsir sabiex b'hekk issa jingħata handover lill-kumpanija l-ġdida.

25.3.7 Preżentata Mistoqsija Parlamentari Numru 16378 mill-Onor Carmelo Mifsud Bonnici dwar jekk hux se jsir il-Pavimentar tal-Pjazza. Għal din il-mistoqsija ġie mwieġeb li l-ewwel iridu jsiru bit-tarmac Triq La Vallete, San

Filippu u Palazz l-Antik tal-Gvernatur u wara jibda x-xogħol tal-pavimentar tal-Pjazza tal-Birgu.

25.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Joe Attard, Direttur tal-kumpanija GreenMT dwar meta ser jibdew jinbidlu l-Bring-in Sites fil-lokalità tagħna kif propju kien imwiegħed. L-ebda tweġiba ma kienet għadha waslet għall-emails kollha li kienu ntbagħatu. Is-Sindku ppropona li l-Bring-In Sites jitneħħew kollha biex b'hekk ma jibqax isir rimi bl-addoċċ ta' żibel ma' ġenbhom. Il-kunsillier is-Sur Jason Portelli ppropona li jekk jitneħħew kollha, għandu jitħalla sett akbar fl-area tal-Fortini sabiex min jagħmel użu minnhom, ikun jista' jinqeda xorta. Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li jekk dawn jitneħħew, għandha tal-inqas tiżdied ġurnata oħra għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli li jinġabar nhar ta' Tlieta biss u tiżdied ġurnata oħra fix-xahar sabiex jinġabar il-ħġieġ flok jinġabar biss darba fix-xahar. Ġie deċiż li ser jittieħed l-aħħar ċans sabiex issir komunikazzjoni mas-Sur Joe Attard u jekk ma jkun hemm l-ebda risposta, tittieħed deċiżjoni fuq din il-materja.

25.3.9 Fuq l-istess nota tal-Bring-In Sites, inġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn li fid-djar, terġa' titqassam il-karta ta' kif u meta jinġabar l-iskart matul il-ġimgħa fil-Birgu. Barra minn hekk, is-Sindku kellu jieħu ħsieb jagħmel kuntatt ma' Salvu u/ jew Kevin Mifsud sabiex kemm jista' jkun jinżamm il-ħin ta' meta jinġabar l-iskart mit-toroq.

25.3.10 Preżentata kwotazzjoni ta' €934.56 mis-Sur Jurgen Borg li waħħal il-kameras kollha madwar il-Birgu sabiex tiġi nstallata waħda fil-bidu ta' Triq San Lawrenz fejn hemm il-Bring-In Sites wara li kuljum qed isir rimi bl-addoċċ u f'ammonti kbar. Din il-kwotazzjoni ġiet approvata unanimament sabiex hekk jitrażżan l-abbuż.

25.3.11 Preżentata korrispondenza minn Maeva Martin f'isem l-assoċjazzjoni AVEC dwar il-konferenza ġenerali annwali li għandha ssir fil-Portugall bejn il-21 u 23 ta' Ottubru 2020. Is-Sindku qal li bħala prekawzjoni tal-epidemija tal-COVID-19 huwa ma kienx ser jattendi. Għaldaqstant, ħadd ma wera interess li jmur minħabba l-istess raġunijiet ta' saħħa.

25.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Farrugia dwar iż-żewġt ikmamar li hemm fl-ewwel wesgħa f'Couvre Porte li huma użati mill-Kunsill Lokali tal-Birgu iżda skont l-Awtorità tal-Artijiet huma mniżżla taħt il-Fondazzjoni wirtartna. Is-Sindku wera x-xewqa li dawn jibqgħu tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u għaldaqstant, is-Sur Farrugia ma sab l-ebda oġġezzjoni iżda informa lis-Sindku li kien hemm kont tal-kera pendenti li ried jitħallas. L-ammont tal-kera

pendenti kien ta' €1164.70. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni li dawn ikunu devoluti lill-kunsill.

25.3.13 Preżentata korrispondenza mil-Perit Frans Mallia fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-fanali li qed jiġu restawrati u mwaħħla fil-parti l-ġdida tal-Birgu u toroq oħra. Is-Sindku spjega li għal dawn il-fanali jrid jitwaħħal 'perspex' trasparenti flok il-ħġieġ li hemm u jitwaħħlu bozoz LEDs li ma jikkunsmawx aktar minn 50W. Is-Sindku spjega li l-ispiża tal-'perspex' u l-bdil tagħhom ser tkun koperta mill-fondi tal-Awtorità tal-Ippjanar filwaqt li l-bozoz li qed jitwaħħlu huma diġà skont dawk mitluba.

25.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Silvana Agius fi ħdan l-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali dwar is-servizz tal-WIFI 4EU madwar il-lokalitajiet kollha fejn inħarġet sejħa għall-offerti waħda biex tkopri lill-kunsilli kollha li bbenefikaw minn sejħiet differenti li saru matul is-snin li għaddew.

25.3.15 Preżentat korrispondenza b'relazzjoni man-Norway Funds għall-lift tal-Berġa tal-Ingilterra. Għall-applikazzjoni li kienet iddaħlet, intalbu xi emendi u għaldaqstant reġa' ġie avviċinat il-Perit Claude Busuttil. Is-Sindku spjega li jekk din l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata, is-Sur Robert Tabone fi ħdan l-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, kien aċċetta li jassisti lill-kunsill sabiex timtela applikazzjoni ġdida fl-allokazzjoni tal-fondi li jmiss fi ħdan din l-iskema.

25.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Natalino Fenech, Direttur Ġenerali tal-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, dwar il-pożizzjoni tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex ikun hemm xi forma ta' komunikazzjoni jekk il-pożizzjoni tiegħu hux ser tkun waħda permanenti fi ħdan il-kunsill.

25.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sindku u lill-Perit tal-kunsill is-Sur Mark John Scicluna sabiex ikunu notifikati li l-applikazzjoni għall-pannelli ta' fuq il-Berġa ta' Franza daħlet għall-aprovazzjoni.

25.3.18 Preżentata korrispondenza mis-Sur Miguel Mifsud, Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi bit-talba biex issir attività ta' Tombla fit-Triq u sabiex waħda mis-swali tal-Berġa ta' Franza u/jew tal-Ingilterra tintuża biex isiru workshops ta' kif tinħadem il-liedna tal-festa. Is-Sindku qal li r-risposta kienet diġà ntbagħtet minħabba ż-żmien li kellha ssir l-attività li għaliha s-Sindku ma sab 'l ebda oġġezzjoni. Intant is-Sindku qal li ma jixtieqx joħloq preċedenti ma ħadd u għaldaqstant irrifjuta t-talba biex isiru l-workshops proposti.

25.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Winston Azzopardi bħala konferma tad-donazzjoni li ngħatat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu waqt li sar il-filming ta' partijiet minn film mill-kumpanija LPA Film Productions.

25.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Antonella Galea, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Xlokk biex tinforma lill-kunsilli li r-reġjun jinsab fil-pusess ta' bandla għal persuni b'diżabilità u għalhekk min hu interessat li jeħodha, għandu jibgħat lura lir-reġjun. F'każ li jkun hem aktar minn kunsill wieħed, l-ismijiet tal-kunsilli jitilgħu bil-polza. Aktar 'il quddiem il-Kunsill Lokali taż-Żejtun rebaħ bil-polza din il-bandla.

25.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Antonella Galea, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Xlokk, biex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jimla' l-formoli meħtieġa sabiex l-ispiża ta' tlett elef (3000) Ewro għall-istudju tal-proġett Slow Streets ikun sussidjat mir-Reġjun Xlokk.

25.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur George Cassar b'disinn ta' bandalora żgħira għall-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku qal li jixtieq li jagħmel bandalora pulita bir-rakmu tad-deheb bl-arma tal-Birgu fin-nofs biex tintuża f'okkażjonijiet speċjali li jkollu l-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta iżda kien deċiż li jinġieb disinn aktar sempliċi għal dan il-għan.

25.3.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Pirjol tal-Kunvent tad-Dumnikani tal-Birgu, Patri Aaron Zahra O.P. sabiex iressaq talba għall-aprovazzjoni tal-kunsill biex fis-sena 2021, it-800 Sena Anniversarju mill-mewt ta' San Duminku, jingħata permess li titwaħħal skrizzjoni fuq is-Sur ta' Couvre Porte u fil-ġnubijiet tal-Mina l-ġdida fid-daħla ta' Triq Pawlu Boffa. Il-Pirjol talab ukoll sabiex it-tiżjin tal-Milied jiżżarma nhar it-2 ta' Jannar 2021 filgħodu u jibqa' biss id-dawl abjad u biex il-kunsill jieħu ħsieb li jtella' l-bnadar tal-Birgu fuq l-arbli tal-Mina u fuq l-arblu tar-roundabout fl-attivitajiet li jfakkru dan iċ-ċentinarju. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni għal dawn it-talbiet.

**25.4 Proġett tal-maħżen tal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu**

25.4.1 Is-Sindku staqsa lill-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi fiex kien wasal il-proċess tal-proġett tal-maħżen tal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu. Is-Sur Mizzi qal li l-applikazzjoni u l-pjanti li ppropona l-kunsill diversi snin ilu kienu għadhom validi iżda ġew sottomessi pjanijiet u applikazzjonijiet ġodda għal dan il-proġett li jinkludi wkoll il-latrina pubblika. Is-Sur Mizzi spjega li l-applikant hija Nadia Gatt Curmi u l-Perit huwa Joseph Borg Grech, f'isem il-Gvern Ċentrali. Dan ġie spjegat waqt laqgħa li l-Onor. Chris Agius, Membru Parlamentari għall-Artijiet u Kostruzzjoni, kellu mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru flimkien ma' persuni oħra fi ħdan il-Gvern Ċentrali.

25.4.2 Is-Sindku qal li għalkemm jinsab kuntent li l-proġett tal-maħżen isir, huwa jinsab xi ftit imdejjaq għall-fatt li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ħareġ ammont sostanzjali ta' flus sabiex ikunu preparati l-pjanti u tiddaħħal applikazzjoni li eventwalment kienet ġiet approvata sabiex isir dan il-proġett. Dawn il-pjanijiet tal-kunsill issa ġew imwarrba u għaldaqsatant il-flus li ġew investiti issa ġew moħlija.

**25.5 Proġett tal-Bandli tal-Birgu**

25.5.1 Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel staqsa f'liema stat kien wasal il-proġett tal-bandli tal-Birgu minħabba l-fatt li kien għadda wisq żmien u n-nies tal-Birgu kienu qed jistaqsu ħafna fuqu. Is-Sindku qal li ser jibda jintrama l-iscaffolding sabiex jibda r-restawr tas-sur li hem fil-bandli filwaqt li se tingħata żabra lis-siġar ukoll. Is-Sindku qal li la darba jkun lest ir-restawr, jista' jitkompla x-xogħol tal-bandli.

25.5.2 Is-Sur Anton Gellel staqsa hux possibli li s-servizzi li għandhom jgħaddu minn taħt, għandhomx ikun lesti. Is-Sindku wieġeb li l-kanen għal dawn is-servizzi diġà lesti filwaqt li l-apparat tal-bandli diġà jinsab kollu l-garaxx tal-kunsill u mħallas kollu.

25.5.3 Is-Sindku staqsa lill-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi biex jiċċekja x'fondi kien fadal mill-Development Planning Funds allokati lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex b'dawn tiġi koperta l-ispiża tal-imprint concrete għall-art tal-bandli.

## 25.6 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.6.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li fi ftit żmien ieħor għandu jinbeda x-xogħol ta' restawr tal-kamra ta' ġewwa fit-tielet sular tal-Berġa ta' Franza, liema xogħol se jsir minn Heritage Malta.

25.6.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-membrane tal-bejt tal-Berġa ta' Franza għandu bżonn jinbidel għax spiċċa. Is-Sindku spjega li dan ix-xogħol irid isir qabel ma jibda x-xogħol relatat mal-installazzjoni tal-pannelli. Il-kunsilliera preżenti qablu li jsir ix-xogħol meħtieġ.

25.6.3 Is-Sindku qal li fi ftit żmien ieħor se jkun ippublikat it-Tender tal-knis tat-toroq, 'Street Sweeping'. Is-Sindku qal li l-kuntrattur li jieħu dan it-tender irid juża l-krieret li għandu l-Kunsill u jkun responsabbli għalihom. Kull ħsara li tinqala, għandu jagħmel tajjeb għaliha l-kuntrattur.

25.6.4 Is-Sindku qal li talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex iġib kwotazzjonijiet għal scaffolding biex jintuża fil-Berġa ta' Franza għal kul eventwalità.

25.6.5 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li toħroġ stqarrija defenittiva li l-Birgufest 2020 tħassar. Il-Viċi-Sindku s-Sur Christopher Cassar ħareġ bl-idea li din l-istqarrija għandha tinħareġ mis-Sindku f'filmat qasir sabiex jispjega din id-deċiżjoni peress li din l-attività laħqet il-livell ta' skala nazzjonali. Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli ħareġ bil-proposta li fis-Sibt li ssoltu ssir il-Birgu by Candlelight, in-nies ikunu mħeġġa jixgħelu xorta ftit xemgħat fit-toroq bħala sinjal li ssoltu ssir din l-attività. Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel ħareġ bl-idea li fil-Pjazza jsir kunċert bil-mużiċisti jdoqqu separatament fil-pjazza. Din l-idea xorta tista' tqajjem interess biex il-pubbliku jattendi. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li jkun aħjar li ma jsir xejn min dawn l-ideat biex b'hekk żgur ma jersqux nies lejn il-Birgu. Finalment ittieħdet din id-deċiżjoni li ma jsir xejn, iżda l-media lokali tkun mistiedna sabiex tagħmel servizz dwar il-Birgufest u permezz ta' filmati, turi d-differenza bejn dak li jsir issoltu u bejn il-kwiet li jkun hemm din is-sena fl-assenza ta' din l-attività. Waqt dan is-servizz, jagħti ftit kummenti wkoll is-Sindku. Il-kunsilliera kollha qablu ma' din id-deċiżjoni.

25.6.6 Il-Viċi-Sindku staqsa lis-Sindku jekk hux possibli li d-DJ Randle Galea, li huwa mill-Birgu u li għamel kuntatt miegħu direttament, jistax jagħmel sessjoni ta' mużika live li tixxandar fuq il-mezzi soċjali u li għaliha ma jkun jista' jattendi ħadd. Is-Sindku ma sab 'l ebda oġġezzjoni għal din l-attivita.

25.6.7 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li s-Sur Clayton Gatt li huwa Gym Instructor, xtaq li jagħmel xi formazzjoni ta' eżerċizzji b'xejn lin-nies tal-Birgu u l-madwar. Is-Sindku ma sab 'l ebda oġġezzjoni u għalhekk talab lis-Sur Trevor Mizzi sabiex is-Sur Gatt jiġi l-kunsill u jitkellem mas-Sindku.

25.6.8 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal lis-Sindku li l-pjanta li hemm fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Ħabs l-Antik tal-Gvernatur qed titressaq kuljum minn xi persuna lejn nofs it-triq. Is-Sindku qal li jaf bis-sitwazzjoni u li kuljum il-ħaddiema tal-kunsill kienu qed imexxu lura f'post din il-pjanta. Is-Sur Gellel qal hux il-każ li ssir bollard b'katnazz biex jinqata' dan l-abbuż. Is-Sindku oġġezzjona għal din it-talba.

25.6.9 Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel qal lis-Sindku li tkun ħaġa tajba jekk tiġi preżentata xi forma ta' token ta' aprezzament lill-qaddiefa nisa fi ħdan il-Klabb tar-Regatta tal-Birgu wara li kisbu rebħa oħra fit-tiġrija tan-nisa fir-Regatta. Is-Sindku qal li din tkun xierqa li tingħata waqt ċelebrazzjoni ta' Jum il-Birgu.

25.6.10 Is-Sindku ġab tlett samples ta' maskri għat-tfal bħala prevenzjoni tal-COVID-19. Il-ħsieb kien li dawn jitqassmu b'xejn lit-tfal li jattendu l-Iskola Primarja tal-Birgu u fuq kull maskra jkun hemm l-arma tal-kunsill u isem it-tifel/tifla sabiex b'hekk tkun personalizzata. Ġie deċiż li dawn ma jsirux għalissa peress li s'issa kien indikat li t-tfal ser ikunu mingħajr maskri waqt li jkunu fil-klassijiet tal-iskola.

25.6.11 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li s-servizz ta' Data Protection Officer ser jibda jingħata mill-istess persuna/kumpanija għall-kunsilli tar-Reġjun Xlokk wara li l-istess reġjun ħareġ sejħa għall-offerti għal dan is-servizz.

## 25.7 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5575 sa BOV 5647 u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' Bank Transfer. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti datata mis-26 ta` Awwissu 2020 sat-22 ta` Settembru 2020.

**25.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 27 ta` Ottubru 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati llum: **24 ta' Novembru 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |